KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 71 – IT-TLIETA 30 TA' APRIL 2024**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**71.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

71.1.1 Kien hemm ittra waħda ta' Kunsillier fejn talbet biex tiġi skużata minħabba mpenji ta' xogħol. *Nem con.*

**71.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

71.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (70) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

71.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D. Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Bernice Farrugia, Emanuel Zammit, Godwin Catania

## 71.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

71.3.1 Ma kienx hemm.

## 71.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

71.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kien talab laqgħa urġenti ma' Uffiċjal għoli fl-Aġenzija Infrastructure Malta biex isiru spezzjoniiet on-site fil-preżenza tal-Kunsill fi Triq il-Ħarruba u Triq Stafano Erardi biex jaraw b'għajnejhom il-progress tax-xogħlijiet meta wieħed jikkunsidra li dawn il-proġetti bdew fil-bidu tas-sena l-ġdida. Is-Sindku kompla billi qal li kien irrimarka fuq l-ilmenti kollha li saru lill-Uffiċċju tal-Kunsill biex jiġu ndirizzati u jiġu kkoreġuti d-difetti li hemm fil-bankini. Il-laqgħa nżammet nhar it-Tnejn 29 ta' April u flimkien mall-Perita Azzopardi u s-Sur Vella minn IM saru l-ispezzjonijiet u ngħataw struzzjonijiet lill-kuntrattur biex jikkoreġi d-difetti. Kien deċiż li fi żmien ħmistax minn din il-laqgħa jingħata l-ewwel saffa asfalt (base course) biex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti taż-żona.

Is-Sindku Dott. Sciberras huwa sodisfatt li IM tat ir-raġun lill-Kunsill għal dan id-dewmien esaġerat fil-proċess tax-xogħlijiet inkluż id-difetti li l-Kunsill irrimarka dwarhom kemm fi Triq il-Ħarruba u Triq Stefano Erardi. Ikkonkluda li qed jittama li issa jinżammu deadlines li ftehmna fuqhom.

71.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li sa fl-aħħar irċevejna l-approvazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal xiri tal-*electric van* b'kuntratt dirett. Fil-fatt, il-Ġimgħa ġie ffirmat il-kuntratt għax-xiri ta' vettura 7-seater 0 emissions. L-iskop ta' din il-vettura se tkun biex noffru servizz lill-anjzani tal-Iklin b'appuntamenti għall-isptar Mater Dei u appuntamenti oħra għall-Klinka f'B'Kara.

71.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fuq inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali Lvant, ser jiġi varat proġett interessanti bl-ideja li nedukaw lill-pubbliku dwar l-importanza li jinżammu żoni bil-ħaxix selvaġġ dejjem jekk ma jkunx ta' periklu peress li dawn iħeġġu lill-insetti jdakkru l-madwar.

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ħoloq karattru bl-isem ta' 'Nina n-Naħla' sabiex din il-kampanja edukattiva tkun attraenti u interattiva. Għal dan il-għan, ġew stampati sinjali li se jitqiegħdu fil-ħamrija permezz ta' stand tal-injam li se jkun imwaħħal mas-sinjal innifsu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill se jkun qed jidentifika żoni fejn jikber il-ħaxix selvaġġ biex nintroduċu l-ewwel (20) sinjal fil-lokalità tal-Iklin.

L-ideja hi li l-installazzjoni ta' dawn is-sinjali jitwaħħlu qabel il-Jum Dinji tan-Naħal li huwa l-20 ta' Mejju.

71.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill Lokali L-Iklin tilef il-kawża li kien fetaħ Alfred Borg et vs Kunsill Lokali L-Iklin fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Is-Sindku fakkar il-każ għall-benefiċċju tal-Kunsillieri preżenti u ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet kif jidher hawn taħt:

- I. *Ir-rikors tal-attur Alfred Borg permezz tal-Avukati tiegħu eċċepew is-segwenti: illi l-imsemmija għalqa ta' terzi hija interkjuża u m'għandhiex aċċess għal fuq triq pubblika;*
- II. *illi fil-ħajt tas-sejjiegħ li jiċċirkondi l-għalqa hemm apertura li tagħti għal passaġġ li jinsab fir-raba' ta' terzi;*
- III. *illi dan il-passaġġ kien jiżbokka għal fuq Triq Richard Taylor;*
- IV. *illi għalhekk effettivament minn Triq Richard Taylor wieħed kien jidħol għall-passaġġ imsemmi u jgħaddi minn fuq raba' ta' terzi biex jaċċedi għall-għalqa mertu ta' din il-kawża;*
- V. *illi riċentement il-Kunsill Lokali intimat, tramite persuni inkarigati minnu, għamel xogħlijiet fuq il-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Richard Taylor permezz ta' liema ħitan tas-sejjiegħ ġew imwaqqa u mibnija mill-ġdid;*
- VI. *illi fil-kors ta' dawn ix-xogħlijiet il-Kunsill intimat għalaq l-aċċess minn Triq Richard Taylor kien iwassal għal ġor-raba' tal-partnership rikorrenti u dan billi l-ħajt tas-sejjiegħ il-ġdid li nbena huwa ħajt sħiħ u l-fetħa li kien hemm fih issa m'għadhiex teżisti;*
- VII. *illi x-xogħol kollu mill-Kunsill intimat sar kollu mingħajr il-kunsens tal-esponenti u mingħajr ebda pre-avviż lill-istess esponenti, u fil-fatt ix-xogħol kollu sar vjolentement, abbużivament, u klandestinament u kontra r-rieda tar-rikorrenti;*
- VIII. *illi effettivament bix-xogħlijiet imsemmija l-Kunsill intimat għalaq l-aċċess li r-rikorrenti kellhom għall-għalqa fuq imsemmija; ,*

IX. *illi dan kollu jissostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti;*

X. *u illi minkejja l-interpellanzi tar-rikorrenti, l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Is-Sindku Dott. Sciberras informa li r-risposta tal-Kunsill Lokali kienet*

1. *illi t-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalità tagħhom stante li hum nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u senjament minħabba s-segwneti raġunijiet;*
2. *illi ma huwiex minnu illi r-rikorrenti jew min minnhom kellhom xi aċċess kif allegat minnhom fir-rikors promotur;*
3. *illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova skont il-liġi ta' dan il-passaġġ li kienu jgawdu kif minnhom allegat fir-rikors promotur;*
4. *illi mingħajr preġudizzju, m'huwiex minnu illi l-esponent b'xi mod għalaq jew ostakola xi aċċess li kellhom ir-rikorrenti. Ix-xogħlijiet illi ġew esegwiti mill-Kunsill Lokali intimat fuq dan il-ħajt tas-sejjiegħ in kwistjoni kienu unikament jikkonsistu fir-restawr tal-istess ħajt tas-sejjiegħ illi kien ikkrolla bil-mogħdija taż-żmien. Għalhekk dak li għamel il-Kunsill esponenti kien biss illi jġib il-ħajt lura fl-istat oriġinali tiegħu;*
5. *illi qabel ma ġew esegwiti x-xogħlijiet imsemmijin fuq il-ħitan tas-sejjiegħ, l-esponenti kien ikkonsulta mas-sidien tal-għalqa li jikkonfinaw ma' dan il-ħajt tas-sejjiegħ sabiex jaċċerta ruħu illi dawn is-sidien ma kellhomx oġġezzjoni dwar kif kien ser jiġi rrestawrat dan il-ħajt, senjament peress li dan kellu jinbena mill-ġdid. In oltre, il-Kunsill esponenti għamel a dispożizzjoni tal-partijiet interessati, il-pjanti tax-xogħlijiet li kienu ser isiru. In segwitu ta' dan kollu, il-Kunsill esponenti, mhux talli ma rċieva ebda ilment dwar ix-xogħlijiet kif kienu prospettati iżda ġie speċifikament mitlub mis-sidien tal-għalqa illi jikkonfinaw dan il-ħajt sabiex jassigura*

*ruħu illi fejn il-ħitan kien ikkrolla, jiġi mibni mill-ġdid mingħajr ebda ftuħ;*

6. *illi għaldaqstant, kwalunkwe xogħlijiet esegwiti mill-esponenti mhux biss saru bil-kunsens u l-permess tas-sidien tal-għalqa konċernata iżda l-Kunsill mexa fuq struzzjonijiet tal-istess illi dan il-ħajt jinbena fis-sħiħ mingħajr ebda tismija ta 'xi passaġġ illi seta jkun eżistenti f'dan il-ħajt;*
7. *illi ġalaldarba l-Kunsill esponenti ma kienx infurmat bl-eżistenza ta' dan il-passaġġ, u wisq anqas bil-pretensjonijiet tar-rikorrenti, ma' seta qatt ikun hemm xi att vjolenti, abbużiv u/jew klandestin da parte tal-esponenti;*
8. *illi mingħajr preġudizzju, anke jekk għas-saħħa tal-argument, ir-rikorrenti kienu ddeċiedew illi jużaw xi parti mill-ħajt in kwistjoni illi kien ikkrolla sabiex jaċċedu temporanjament minn dik il-parti krollata, ma jfissirx illi effettivament kienu qed jeżerċitaw xi jedd partikolarment meta dan il-jedd pretiż lanqas is-sidien tal-għalqa ikkonċernati jidher li ma kienu jafu bih;*
9. *illi għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli stante illi ma jissusistux l-elementi rikjesti mill-liġi għal azzjoni ta' spoll;*
10. *illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, ir-rikorrenti jeħtiġilhom jippruvaw l-elementi kollha tal-azzjoni tagħhom skont il-liġi bi provi idoneji, tajbin u konkreti;*
11. *illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi ritenut ukoll illi mhuwiex minnu dak illi qed jiġi allegat ossia illi dawn tħallew mingħajr aċċess għall-għalqa tagħhom, stante illi kif ser jiġi ppruvat, dawn għandhom aċċess għat-triq pubblika minn band'oħra;*

*Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li fis-sena 2018, il-Kunsill Lokali kien applika għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja taħt il-miżura 4.4 għal 'non-productive investments linked to the achievement of agri-environment-climate objectives' sabiex jingħata fondi biex ikun jista jirrestawra ħitan tas-sejjiegħ f'numru ta' toroq, fosthom dik mertu tal-kawża odjerna, Triq Richard Taylor. Sussegwentement, il-Kunsill intimat ġie notifikat illi tali applikazzjoni kienet intlaqgħet, u għalhekk, huwa kien ingħata l-fondi sabiex jeżawrixxi tali proġett.*

*Illi qabel ma nbeda x-xogħol fuq il-ħajt in kwistjoni, il-Kunsill intimat ħa dawk il-passi kollha neċessarji sabiex jiżgura ruħu li jagħmel kollox skont il-liġi, ossia li jottjeni l-permessi kollha neċessarji mill-Awtorità tal-Ippjanar, u kif ukoll il-permess mis-sidien tal-għalqa biex ikun attwat dan il-proġett.*

71.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li kien tal-parir li l-Kunsill għandu jappella mid-deċiżjoni. *Nem con.*

71.4.6 Il-Kunsill iddeċieda li jappella mid-deċiżjoni.

## 71.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

71.5.1 Ma kienx hemm.

## 71.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

71.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-28 ta' Marzu u s-26 ta' April 2024 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (28 March - 26 April 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 60 | 28/03/2024 | Bankina difettuża quddiem stabbiliment tan-negozju. | pending | Triq in-Naxxar | **Council** |
| 61 | 02/04/2024 | Bozza maqtugħa fuq arblu nru.Y00882 fi Triq il-Muzika, l-Iklin | settled | Triq il-Mużika | **Enemalta** |
| 62 | 02/04/2024 | Bozza mall-ħajt maqtugħa ma' ħanut fi Triq iċ-Ċitru u 30 Triq G E Mercer | settled | Triq iċ-Ċitru / Triq G E MErcer | **Contractor** |
| 63 | 04/04/2024 | Ħaxix biex jinqata u rilokazzjoni ta' doggy bin | pending | Triq K Vassallo / Trejqet ir-Rumanzieri | **Council** |
| 64 | 05/04/2024 | Ilment dwar il-ħaxix fi Triq iċ-Ċitru | pending | Triq iċ-Ċitru | **Contractor** |
| 65 | 06/04/2024 | Ilment dwar il-bankini il-ġodda ta Triq S Erardi mhux ta min jimxi fuqhom | pending | Triq S Erardi | **IM** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 66 | 06/04/2024 | Talba biex issir xi tabella fi Triq P A Cuschieri għax qegħdin jidħlu wrong way, nevitaw xi inċident. Dan minħabba l-proġett li ghaddejn fi Triq Ġużè Pesci | pending | Triq P A Cuschieri | **IM** |
| 67 | 09/04/2024 | Ġurdien mejjet fi Triq Dott. P. Grech | pending | 15, Triq Dr. P. Grech | **CMD** |
| 68 | 09/04/2024 | Muturi jipparkjaw fuq parking slot meta hemm 3 motorcycle bays fi Triq K Vassallo | pending | Triq K Vassallo | **Council** |
| 69 | 09/04/2024 | Hemm ħafna weraq fid-daħla ta' Wesgħa Lewis JB Scicluna | settled | Wesgha Lewis JB Scicluna | **CMD** |
| 70 | 09/04/2024 | Pressa baxxa tal-ilma fi Triq Karmenu Vassallo (Area) | settled | 27 Hilltop,Triq K Vassallo | **WCS** |
| 71 | 08/04/2024 | Sriedak jagħmlu storbju fit-triq | pending | Triq Mons C Aquilina | **Council** |
| 72 | 11/04/2024 | Leakage tal-ilma fi Triq Ġużè E Mercer | pending | Triq Ġużè E Mercer | **WCS** |
| 73 | 11/04/2024 | Rapport minhabba xogholijiet ta Triq il-Ħarruba | pending | Triq il-Harruba | **IM** |
| 74 | 11/04/2024 | Rapport minħabba xogħlijiet fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 75 | 11/04/2024 | Hemm tappiera difettuża quddiem 44, Triq Ġeronimo Abos | pending | Triq Ġeronimo Abos | **WSC** |
| 76 | 12/04/2024 | Residenta issuġġeriet li jsiru aktar sinjali ta' Timed Parking fit-triq | pending | Triq Ġeronimo Abos | **Council** |
| 78 | 12/04/2024 | Hemm 2 ħofriet koroh fuq bankina fi Triq Stefano Erardi c/w Triq il-Klin relatati max-xogħlijiet li qed isiru | settled | Triq Stefano Erardi | **IM** |
| 79 | 10/04/2024 | Ħsarat fil-garage minħabba leakage li saru mix-xogħol tal-kuntrattur fit-Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 80 | 10/04/2024 | Ħsarat fil-garage minħabba leakage li saru mix-xogħol tal-kuntrattur fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 81 | 12/04/2024 | Xogħol (bad workmanship) fi Triq il-Ħarruba | pending | Triq il-Ħarruba | **IM** |
| 82 | 12/04/2024 | Xogħol (bad workmanship) fi Triq il-Ħarruba | pending | Triq il-Ħarruba | **IM** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 83 | 12/04/2024 | Ilment dwar ul-qlib tal-bankina li saret max-xogħlijiet fi Triq S Erardi. Meta tagħmel ix-xita l-ilma ser jidħol kollu fil-garage. | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 84 | 12/04/2024 | Resident jistaqsi meta ha tibda l-parti ta' fuq ta' Triq S Erardi minħabba l-aċċess tal-garage | pending | Bervin garage,Triq S Erardi | **IM** |
| 85 | 15/04/2024 | Residenta issuġġeriet li jsiru s-sinjali ta' dead end fis-Sqaq Ġiarda | pending | Sqaq Garda | **Council** |
| 86 | 15/04/2024 | Sqaq Garda għandha bżonn kinsa u kif ukoll qtugħ ta' ħaxix | pending | Sqaq Garda | **Council** |
| 87 | 15/04/2024 | Hemm bzonn ta' kennies fi Triq G Abos, Magri cycles area | pending | Triq G Abos | **CMD** |
| 88 | 15/04/2024 | Bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **Enemalta** |
| 89 | 17/04/224 | Rapport minħabba bankini difettużi fi Triq S Erardi | pending | 18, Triq S Erardi | **IM** |
| 90 | 17/04/2024 | Talba ghal one meter double yellow lines fuq kull naħa tal-garaxx fi Triq K Vassallo | pending | 62 and 58, Triq K Vassallo | **Council** |
| 91 | 18/04/2024 | It-toroq kollha bla dwal ,Triq G Abos & Trejqet ir-Rumanzieri | pending | Triq G Abos & Trejqet ir-Rumanzieri | **Enemalta** |
| 92 | 18/04/2024 | Triq Ċ Bugeja bla dawl bil-lejl | pending | Triq Ċ Bugeja | **Enemalta** |
| 93 | 18/04/2024 | Rapport minħabba bankini difettużi fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 94 | 18/04/2024 | Rapport minhabba bankini difettużi fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 95 | 19/04/2024 | Ilment li ġew allokati mobile toilets quddiem 2 garaxxijiet fi Triq S Erardi c/w Triq Ċ Bugeja | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 96 | 20/04/2024 | Ġurdien mejjet quddiem 15, Triq May Butcher | pending | Triq May Butcher | **CMD** |
| 97 | 20/04/2024 | Ilment dwar ir-rampi fi Pjazza Ninu Cremona qegħdin jipparkjaw quddiemhom b'detriment li b'wheelchair ma jistgħux imorru l-Berġa jew jużaw servizzi oħra mill-ħwienet, forsi double yellow lines | pending | Pjazza Ninu Cremona | **Council** |
| 98 | 23/04/2024 | Ilment li bla ilma 17, Triq Ċ Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **WSC** |
| 99 | 24/04/2024 | Hemm ħafna ħmieġ bhal weraq u karti fi Triq Ġ Pesci, eżatt wara l-knisja | pending | Triq Ġużè Pesci | **CMD** |
| 100 | 24/04/2024 | Kuntrattur ħalla pajpijiet fi Triq P P Saydon fejn is-siġar, biex jitnaddaf | pending | Triq P P SAydon | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 101 | 25/04/2024 | Fi Triq Alfred Gerada qatt ma' jmur kennies. Hemm kull tip ta' skart u l-ħaxix fuq bankini | settled | Triq Afred Gerada | **CMD** |
| 102 | 25/04/2024 | Ilment li fi drive in fi Triq Karmenu Vassallo hemm vettura mitluqa u ħafna skart | pending | Triq Karmenu Vassallo | **Council** |
| 103 | 25/04/2024 | Ilment li qegħdin jidħlu wrong way minn Triq E S Inglott għal Triq P A Cuschieri | pending | Triq P A Cuschieri | **Police** |
| 104 | 25/04/2024 | Boroż suwed mitluqin fi Triq il-Ħwawar | pending | Triq il-Ħwawar | **CMD** |
| 105 | 24/04/2024 | Resident ikkummenta li quddiem ir-residenza tiegħu kien hemm ħamrija mxarrba u taw it-tarmak fuqu fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **IM** |

## 71.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

71.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

71.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

71.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

1. Il-Kunsill awtorizza l-ispiża tal-fornitur Audio System Event Equipment Rentals għall-kiri ta' pjattaforma bl-ammont ta' Eur407.10c relatata mal-attività kulturali annwali Festa Fjuri li ser tittella nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2024.

## 71.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

71.8.1 Applikazzjoni PA 01847/24 – 59, Triq il-Wied, L-Iklin 'To sanction the demolition of part of a villa approved by PA/1018/23 following the discovery of unstable foundations and dilapidated roofs and proposed reconstruction of the same villa as approved, including minor changes at ground floor level and proposed

further excavation of the basement level underlying the committed footprint of the villa. Application to include the extension of the boundary wall.

71.8.2 Applikazzjoni PA 01796/24 – The Red Farm 33, Triq il-Wied, L-Iklin 'To sanction minor changes to approved Class 3A boutique hotel (PA/03563/17) mainly increasing rooms from 10 to 12 and change the kitchen from 4C to 4D.

71.8.3 Applikazzjoni PA 02124/24 – Skyfall, Blk B Flt 7 Triq Ġużè Muscat Azzopardi L-Iklin 'To construct splash pool and planters at roof level, above existing setback floor. Application includes placing solar panels at same level.

71.8.4 Applikazzjoni PA 02054/24 – 22, Planetia Triq Anton Manoel Caruana L-Iklin 'Description of proposal: Demolition of existing dwelling excavation of basement level. Construction of a new basement level, 5 apartments from ground floor to fourth floor and garden roof floor, construction of one pool at roof level and installation of solar panels.

**71.9 AĠĠUSTAMENTI LI ĠEW PROPOSTI MILL-UDITURI TAL-GVERN 2023**

71.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-aġġustamenti ta' natura korrettiva għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

71.9.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-approvazzjoni tal-aġġustamenti skont kif proposti mill-udituri tal-Gvern.

71.9.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

71.9.4 Imbagħad l-Accountant ippreżenta l-Istqarrijiet Finanzjarji bid-data taT-30 ta' April 2024. Dawn l-Istqarrijiet ġew moqrija u spjegati fid-dettal.

71.9.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

71.9.6 Ma kienx hemm.

71.9.7 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji wara li ġew verifikati mill-Udituri tal-Gvern.

71.9.8 Il-Kunsill approva l-Istqarrijiet Finanzjarji nem con.

**(Ara dok. E)**

## 71.10 IFFIRMAT TA' FTEHIM TA' MoU DWAR IS-SERVIZZ TAL-INDAFA PUBBLIKA MA' CMD

71.10.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mill-Cleansing & Maintenance Division dwar ftehim ta' MoU ġdid dwar is-servizzi tal-indafa pubblika għal perjodu ta' 5 snin.

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill Lokali L-Iklin diġa jgawdi minn ftehim ma' CMD permezz ta' MoU li kien ġie ffirmat għall-ewwel darba nhar it-28 ta' Diċembru 2022 u baqa' jiġi mġedded sal-ġurnata ta' llum.

Is-Sindku Dott. Sciberras żied jgħid li riċentement kien hemm diskussjonijiet fejn id-Diviżjoni qed testendi s-servizzi tagħha lill-Kunsilli Lokali u għaldaqstant jidher li ġie abbozzat MoU ieħor għal min jixtieq jidħol fi ftehim ma' CMD għal perjodu ta' 5 snin.

Is-Sindku stqarr li hu kien sodisfatt bis-servizz minkejja xi nuqqasijiet dwar is-servizz tal-grass cutting kemm fl-urban u wkoll fiż-żona rurali. Żied li f'dawn l-aħħar ġimgħat sar titjib u għaldaqstant ma jarax li l-Kunsill m'għandux jikkonsolida l-pożizzjoni tiegħu u jġedded il-ftehim ma' CMD għaliex jara li għandu r-riżorsi kemm dawk umani u wkoll attrezzat bl-inġenji u l-apparat meħtieġ li jista jakkomoda tajjeb lill-lokalità tal-Iklin f'dak li jirrigwardja s-servizz tal-knis u l-qtugħ tal-ħaxix miż-żoni urbani, tindif u tbattil ta' litter bins inkluż doggy bins, ġbir tal-istess skart u servizzi oħra addizzjonali waqt u wara il-Festa tas-Salvatur u fl-avveniment kulturali 'Festa Fjuri'.

71.10.2 Imbagħad għadda biex qara l-abbozz a sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti.

71.10.3 Wara diskussjoni dwar dan il-qafas, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jidħol għal dan il-ftehim ma' CMD suġġett li jiġu diskussi *term of payment* fejn prattikament il-Kunsill iħallas għas-servizz mogħti mis-CMD wara li l-istess CMD joħroġ fattura kull xhar għas-servizz li jkun ingħata.

B'dan il-mod, il-Kunsill ma jiffaċċjax diffikultajiet ta' likwidità filwaqt li jkun qed iħallas għas-servizz dment li l-Kunsill ikun sodisfatt bil-livell tas-servizz tal-indafa f'tali xhar. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill huwa kommess li l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill jirċievi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal knis tat-toroq urbani tkun iddedikata kollha kemm hi għal dan is-servizz.

Skont l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2024, il-Kunsill Lokali L-Iklin għandu vot ta' Eur36,750 a dispożizzjoni tiegħu.

71.10.4 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jidħol għal dan il-ftehim fuq perjodu ta' ħames snin u jħallas għal dan is-servizz skont l-allokazzjoni finanzjarja mogħtija lilu mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ta' kull sena għal ħames snin li ġejjin. Dan il-ftehim jista jiġi estiż għal ħames snin oħra wara li jkun għalaq dan il-proġett.

71.10.5 Il-mozzjoni ġiet approvata *nem con*.

71.10.6 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li kien se jkun qed jiffirma dan il-ftehim flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fl-immedjat filwaqt li aċċenna li dan il-ftehim ikun japplika dment li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali jippermetti li jsir dan il-ftehim minħabba regolamenti dwar l-akkwist pubbliku u proċeduri oħra finanzjarji.

## 71.11 Aġġornament dwar Festa Fjuri 2024

71.11.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti aġġornament dwar l-edizzjoni 'Festa Fjuri' 2024.

71.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Press Conference ġiet skedata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju fis-2pm fi Triq Anton Buttigieg.

Informa li l-programm tal-attività beda jingħalaq u jidher li hemm interess fost il-parteċipanti. Żied jgħid li ġew ikkonfermati erba' speakers li ser jitkellmu dwar temi interessanti bejn id-0930hrs u 1200hrs.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja l-input tal-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex għamlet il-kuntatti u ġew ikkonfermati s-sinjuri Joyce Muscat u Carmen Tedesco. Biex nattiraw l-udjenza għal taħt it-tinda 'Eco Cafe, l-Uffiċċju se jkun qed juża l-mezzi soċjali sabiex nistiednu lill-komunità u lill-pubbliku inġenerali biex jirreġistra l-interess u jkun seated permezz ta' google form. B'dan il-mod, il-Kunsill ikollu ideja ta' x'attendenza se jkun hemm għal dawn it-taħdidiet pubbliċi.

Fir-rokna tal-artisti, jidher li rridu naħdmu aktar biex nattiraw l-artisti biex jieħdu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena. Kompli billi qal li l-Uffiċċju se jkun qed juża l-paġna ta' fb biex nippromwovu l-attività. Bħalissa hemm għaddejja Call għall-artisti u Call for flower vendors.

Fis-sezzjoni deskritta bħala 'Kitchen Garden', il-Viċi Sindku u l-Kumitat tagħha se jkunu qed jieħdu ħsieb l-istand fejn għal sena oħra se nkunu qed noffru x-xarba tal-klin (Rosemary drink), fruit cake u distribuzzjoni ta' frott bl-ideja li nippromwovu 'a healthy lifestyle'.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Iklin Scout Group u Lija/Iklin Football Youth Academy ikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom u se jkunu qed jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom.

Żied jgħid li biex l-attività tieħu forma festiva, ser ikollna lill-Għaqda Mużikali San Pio X li se tkun qed tferraħ lill-pubbliku bejn id-0930hrs u l-1130hrs b'repertorju ferrieħi filwaqt li f'1200hrs jibda kunċert taħt it-tinda minn Spiteri Lucas Entertainment li jagħlaq fis-1400hrs.

Il-parteċipanti kkonfermati huma ERA, WasteServ Malta, Project Green, Ambjent Malta, Move for Trees, Friends of the Earth, Dar tal-Providenza, Community Police, u l-Kunsill Reġjonali Lvant.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonkluda li hemm numru ta' *street buskers* li qed japplikaw mall-Kunsill u dan juri biċ-ċar li l-messaġġ qed jasal, l-attività Festa Fjuri qed issir popolari u nistennew li terġa tkun suċċess bħas-sena li għaddiet.

Rigward l-infiorata, l-Uffiċċju jinsab f'kuntatt regolari mall-fornitur dwar ix-xitel tal-petunia u fejn qed nittamaw u nawguraw li jkollna prodott tajjeb.

Fl-aħħarnett, is-SE emfasizza dwar il-punt li matul il-jiem li ġejjin sal-ġurnata tal-attività, il-Kunsill jaħdem flimkien għal dan l-aħħar avveniment ta' din il-leġiżlatura.

Il-pubbliċità hija neċessarja biex nattiraw primarjament lill-komunità tal-Iklin u lill-pubbliku inġenerali. Preċiżament xhar qabel l-attività, sar l-istallazzjoni ta' billboard fi round-about ta' Triq Ġeronimo Abos u l-istallazzjoni ta' banners fi Pjazza Ninu Cremona. Fil-jiem li għaddew saret ukoll distribuzzjoni ta' Ittraaħbar lir-residenti kollha tal-Iklin biex ikunu nfurmati bl-attività. Jonqos biss li jonorawna bil-preżenza u l-parteċipazzjoni tagħhom.

71.11.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit issuġġerixxa li kull membru tal-Kunsill ikun assenjat bi rwol speċifiku dakinhar tal-attività biex jitqassam ix-xogħol u nkunu ben organizzati.

71.11.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-kollettiv biss jista jiggarantixxi s-suċċess ta' din l-edizzjoni u tkun ħaġa sabiħa li għal din l-aħħar attività ta' din il-leġiżlatura, naħdmu u niċċelebraw Festa Fjuri fi spirtu ta' armonija kif riflessi matul dawn il-ħames snin ta' din il-leġiżlatura.

## 71.12 KUNSIDERAZZJONI GĦAL TITJIB FIR-RIŻORSI UMANI TAL-KUNSILL

71.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-volum tax-xogħol żdied sew fil-Kunsill u kien meħtieġ li jsir titjib fl-irwoli tal-impjegati u l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

Sfortunatament, matul dawn l-aħħar xhur tlifna s-servizz ta' persuna valida impjegata mall-Community Workers Scheme Enterprise Foundation li kienet assenjata mall-Kunsill Lokali L-Iklin għaliex iddeċidiet li tmur taħdem f'Kunsill ieħor.

Naturalment huwa kruċjali li l-Uffiċċju jkun organizzat u strutturat ben tajjeb u jara kif jista jimmotiva lill-ħaddiema tiegħu biex il-produttività fid-doveri tagħhom tibqa waħda kostanti.

Proprju għal din ir-raġuni, l-Uffiċċju qed jara kif bir-riżorsi limitati tiegħu inkluż dawk finanzjarji joffri *career advancement* fejn huwa possibbli fil-parametri tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.20 Regolamenti dwar Gvern Lokali Riżorsi Umani.

Wara li l-Uffiċċju għamel l-assessjar tiegħu dwar ir-riżorsi umani fil-Kunsill, iħossu doveruż li waħda mill-impjegati li preżentement tokkupa l-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fi skala 13 fuq bażi part-time, joffri din l-opportunità lil din l-impjegata biex tavvanza fil-karriera u għaldaqstant tagħmel il-qabża għal skala 11 peress li l-impjegata hija eliġibbli f'waħda mill-kategoriji u cioè li għandha sentejn (2) esperjenza fil-grad ta' Uffiċċjal Eżekuttiv (skala 13) mall-Kunsill, kellha performance sodisfaċenti u għandha l-kwalifiki minimi ta' skala 13.

Din ir-rakkomandazzjoni hija wkoll motivata mill-motivazzjoni, inizjattiva, integrità, responsabbiltà u l-abbiltà tax-xogħol fdat lilha matul is-snin. L-impjegata ilha taħdem mall-Kunsill Lokali L-Iklin sa min Lulju tas-sena 2011.

B'responsabbiltà, qed inressaq din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill għad-diskussjoni kif jidher f'Memo 2-24.

71.12.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo sabiex l-impjegata tavvanza minn skala 13 għal skala 11, liema deċiżjoni ssegwi proċedura stabbilita skont il-liġi.

71.12.3 Il-Kunsill approva *nem con.*

**(Ara memo 2-24)**

## 71.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

71.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2024 fit-3.00 p.m.

71.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2024 fit-3.00 p.m.

71.13.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-7.30 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv